MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru 1033/2008

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Spiteri)

vs

Emmanuel Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 478982(m) akkuzat talli fil-21 ta' Settembru 2008 ghal habta tal-5.10 ta' filghodu, waqt li kien Bay Street, Paceville, San Giljan:

- volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' "car operating panel" ta' lift tal-ghamla N3 ghad-dannu ta' Bay Street Holding Ltd, liema hsara teccedi aktar minn 1,164.69 ewros.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tixli bi hsara volontarja li tasserixxi kienet tissupera l-1,164.69 ewros. L-istess takkuza l-imputat qua l-persuna li ikkagunat id-danni li jinghad gew kommessi minnu lill-lift ta’ lukanda f’Bay Street, Paceville, San Giljan. Dwar l-entita’ taghhom jidher li kienu gew dibattuti u determinati f’proceduri separati quddiem dik il-Qorti, hekk maghrufa “Tat-Talbiet Zghar” li sabet lill-imputat responsabbli ghal kwart tal-hsara. Ghalkemm l-ebda sentenza ma giet esebita din l-asserzjoni ma tinsabx u ma gietx kontradetta. Hawnhekk, pero’, qeghdin fil-kamp kriminali, li fihom l-prosekuzzjoni ghandha l-oneru esklussiv li tipprova hi l-imputazzjoni, f’dan il-kaz li l-hsara giet kommessa volontarjament u cioe’ b’intenzjoni specifika li jigu kkagunati d-danni. Mill-atti processwali, konsiderat l-provi fl-assiem taghhom, li jirrisulta fic-cert hu li l-lift in kwistjoni issubixxa xi danni fil-waqt li l-imputat kien fih, pero’, skond l-imputat, dan gara fil-waqt li dan (ossija l-lift) waqaf hesrem u hu nqabad fih ghal zmien sostanzjalment twil, fic-cirkostanzi, b’dan li waqt li pprova jifthu, ghafas l-panew tal-buttini tieghu, li cediet u nkissret. Ir-ritratti esebiti huma xhieda bizzejjed cara tal-fatt tal-ksur tal-hgiega tal-panew.

Illi l-Qorti, kollox ma kollox, m’hiex sodisfatta li ghandha provi sufficjentement cari li juru li l-hsara giet ikkagunata volontarjament igifieri b’xi intenzjoni specifika.

Tillibera ghalhekk l-imputat mill-akkuza tal-hsara volontarja u minflokk issibu hati li ikkaguna hsara involontarja. Rat l-Artikolu 298(d) tal-Kap 9 u tilliberah

minghajr kundizzjoni bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------